MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 1077/2014

**HSBC BANK (MALTA) p.l.c. (C3177)**

**vs.**

**a) Tal-Ingliż Company Limited (C33568) bħala debitriċi prinċipali;**
**b) Dr. Martin Fenech u l-PL Quentin Tanti li b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2015 ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Josephine Maskell li kellha l-karta tal-identità numru 800743M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **HSBC BANK (MALTA) p.l.c. (C3177),** (minn issa 'l quddiem "ir-Rikors" u "is-soċjetà rikorrenti") ikkonfermat bil-ġurament tal-PL Catherine Fenech debitament awtorizzata, li bih ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

*Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Nicholas Briffa datat 23 ta' Lulju, 2009 (Dok. 'A') u reż eżekuttiv permezz ta' żewġ ittri uffiċjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok. 'B' u Dok. 'Ċ') Tal-Ingliż Co. Limited bħala debitur prinċipali u Josephine Maskell bħala garanti solidali tas-soċjetà Tal-Ingliż Co. Limited ikkostitwew ruħhom bħala debituri tas-soċjetà rikorrenti;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti u għaddew iżjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u issa s-soċjetà HSCB Bank (Malta) p.l.c. qiegħda titlob awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 258 tal-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu kontra s-soċjetà debitriċi prinċipali Tal-Ingliż Co. Limited u kontra l-wirt battal ta' Josephine Maskell garanti solidali tas-soċjetà intimata għall-bilanċ li għadu dovut;*

*Għalhekk is-soċjetà rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn tliet snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minfejn jirriżulta li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn...li jkun*

*qiegħed ifittex (recte) l-esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut".*

Il-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u l-PL Quentin Tanti maħturin biex jidhru għall-**eredità ġjaċenti ta' Josephine Maskell**, eċċepew illi:

1. *Illi fl-ewwel lok għandu jiġi stabbilit jekk hemm xi eredi tal-mejta Josephine Maskell;*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti mhux edott mill-fatti kollha u jirriżerva li jissottometti risposta ulterjuri.*

Is-soċjetà intimata **Tal-Ingliż Company Limited (C33568)** għalkemm debitament notifikata, naqset li tippreżenta risposta u ma resqet l-ebda sottomissjonijiet f'dawn il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda tal-PL Catherine Fenech in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti li kkonfermat bil-ġurament tagħha Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti u d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti u tal-kuraturi deputati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-15 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment għat-22 ta' Ġunju, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kuntratt pubbliku jerġa' jsir eżegwibbli bħala titolu ezekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit.

Il-PL Catherine Fenech in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti kkonfermat bil-ġurament tagħha illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti.

Il-kuntratt pubbliku li s-soċjetà rikorrenti tagħmel riferiment għalih hu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Nicholas Briffa datat 23 ta' Lulju, 2009[1] fejn is-soċjetà Tal-Ingliż Co. Limited bħala debitur prinċipali u

[1] A fol. 3 sa 7 tal-proċess.

Josephine Maskell bħala garanti solidali tas-soċjetà Tal-Ingliż Co. Limited ikkostitwew ruħhom bħala debituri tas-soċjetà rikorrenti.

Jidher mill-atti illi l-intimati għadhom ma ssaldawx id-debitu u dan ġie kkonfermat bix-xhieda ġuramentata tal-PL Catherine Fenech li l-imsemmija somma baqgħet ma tħallsitx kollha lura.

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jigi ravvivat b'din il-proċedura[2].

Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt.[3]

Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012 PA mill-Imħallef J.R. Micallef.

[3] L-Art. 253(b) tal-Kap. 12.

liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.

Il-kosituzzjoni tad-debitu ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 issir eżegwibbli skond ma jrid l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 jumejn wara n-notifika ta' ittra uffiċjali lid-debituri.

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu eżekuttiv biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit.

Billi jidher li għaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jiġi eżegwit il-kuntratt inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta’ verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista’ jerġa’ jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta’ żmien stabbilit mil-liġi ta’ tlett snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta’ April 2012 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar** (PA):

> *“Irrispettivament x’inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f’dan it-tip ta’ proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta’ verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati”.*

**<u>Decide</u>**

**Billi mill-provi jirriżulta li t-talba dedotta fir-Rikors hi skont il-ligi, ċjoè l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-Rikors.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati.**

Moqrija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------